**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 3**

**It-Tlieta, 17 ta' Jannar 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.36 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, u Kap tal-Kamra, l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, is-Segretarju Parlamentari u Whip tal-Gvern, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. David Agius u l-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar.

**MINUTI**

Fuq proposta tal-Onor. Robert Cutajar il-Kumitat qabel li f'paġna 1 tal-Minuti tal-laqgħa nru 2, minnufih qabel il-kliem "id-Deputat Prim Ministru informa lill-kumitat illi min-naħa tal-Gvern inbeda proċess ta' reviżjoni tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra immexxi mill-Onor Glenn Bedingfield." għandu jidħol il-kliem "Bi tweġiba għall-mistoqsija tal-Onor. Robert Cutajar dwar ittra mibgħuta mill-Oppożizzjoni b'numru ta' suġġerimenti dwar tibdil fil-mod ta' kif jitħaddmu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra,".

Il-Minuti tal-laqgħa nru 2 tal-21 ta' Ottubru 2022, kif emendati, kienu approvati.

**XOGĦOL IEĦOR**

**Kommemorazzjoni tal-Olokawst**

L-Ispeaker fakkar fir-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti adottata mill-Assemblea Ġenerali fl-1 ta' Novembru 2005 fejn iddikjarat is-27 ta' Jannar bħala l-ġurnata li tikkommemora l-vittmi tal-Olokawst. L-Ispeaker talab jekk kif inhi l-konswetudni l-Kamra hix ser tfakkar dan b'diskors qasir miż-żewġ naħat tal-Kamra.

Peress illi s-27 ta' Jannar din is-sena ser jaħbat nhar il-Ġimgħa, il-Kumitat qabel li din il-kommemorazzjoni ssir f'ġurnata meta jiltaqa' l-Parlament viċin dak il-jum stess. L-Onor Andy Ellul informa lill-Kumitat li se jkun qed jikkomunika mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ qabel tittieħed deċiżjoni dwar id-data tal-kommemorazzjoni.

**Rappreżentant tal-Parlament Malti ġewwa Brussell**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi r-rappreżentant tal-Parlament Malti ġewwa Brussell, is-Sur Andre Vella, li ġie maħtur mill-istess Kumitat f'din il-ħatra għal perjodu ta' sena sa tmiem l-2022, informa lill-Iskrivan tal-Kamra li jixtieq illi l-ħatra tiegħu tkun estiża għal sena oħra, ċjoè sa tmiem l-2023.

Il-Kumitat qabel illi l-ħatra tas-Sur Vella tiġi estiża b'sena sa tmiem l-2023.

**Joint Parliamentary Friendship Groups**

L-Ispeaker irrefera għall-Memorandum datat 16 ta' Jannar 2023 iċċirkolat lill-Membri tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra dwar it-twaqqif ta' Joint Parliamentary Friendship Groups, u għad-diskussjoni informali li saret dwaru wara l-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra preċedenti, u ċjoè illi l-membri tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej għandhom jiffurmaw in-naħa Maltija meta l-Parlament jintalab jinnomina l-Membri tiegħu minn parlamenti barranin, bil-possibilità li jsiru sostituzzjonijiet.

Il-Kumitat ma qabilx ma din il-proposta u minflok iddeċieda li talbiet għal twaqqif ta' Parliamentary Friendship Groups jiġu mgħoddija lill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tramite l-Whips rispettivi taż-żewġ naħat tal-Kamra sabiex fl-inqas ħin possibbli jinnominaw il-Membri li għandhom jifformaw il-gruppi ta' ħbiberija parlamentari.

**Estimi tal-Uffiċċju tal-Ombudsplan u tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li kien jeħtieġ li l-Kumitat jiddiskuti l-Ombudsplan għas-snin 2022 u 2023 kif ukoll l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-snin 2022 u 2023.

Fuq proposta tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor Chris Fearne il-Kumitat qabel li in vista tal-mozzjonijiet pendenti dwar il-ħatra tal-Ombudsman u tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, id-diskussjoni dwar dawn il-materji kellhom jiġu posposti sakemm isiru l-ħatriet rispettivi.

**XOGĦOL TAL-KAMRA**

L-Onor. Andy Ellul informa lill-Kumitat li kien intlaħaq qbil li d-diskussjoni fi stadju ta' Tieni Qari dwar l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Abbozz Nru 34) kellu jagħlaq l-għada l-Erbgħa, 18 ta' Jannar 2023 f'liema seduta kellha tittieħed division, jekk din tintalab.

L-Onor. Ellul żied li l-ħsieb tal-Gvern kien li l-Ħamis u l-Ġimgħa ta' wara, jiġifieri d-19 u l-20 ta' Jannar 2023 dan l-Abbozz ta' Liġi kellu jiġi trattat mill-Kumitat dwar il-Konsiderazzjoni

ta’ Abbozzi ta’ Liġijiet sabiex fis-Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 23 ta’ Jannar 2023, wara li ċ-Chairperson tal-Kumitat jirrapporta progress, titqiegħed il-mistoqsija u jitressaq it-Tielet Qari tal-istess Abbozz ta’ Liġi, u tittieħed id-division jekk din tintalab.

L-Onor. Andy Ellul informa wkoll lill-Kumitat li l-Gvern kien qed jalloka s-seduti li jistgħu jiltaqgħu bejn l-24 ta’ Jannar sad-19 ta’ Frar 2023 għad-diskussjoni dwar il-Mozzjoni Nru 92 dwar il-ħatra ta’ Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. F’dan ir-rigward kien qiegħed jalloka wkoll is-Seduti tal-20 ta’ Frar, tas-27 ta’ Frar u tas-6 ta’ Marzu 2023 sabiex fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta’ dawn is-seduti, jittieħdu l-voti li jistgħu jintalbu ai termini tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

L-Onor. Ellul żied li f’każ li d-diskussjonijiet imsemmija hawn fuq ikunu eżawriti, il-Kamra kellha tgħaddi għall-konsiderazzjoni fi stadju ta’ Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Abbozz Nru 27) u tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Abbozz Nru 26).

L-Onor. Robert Cutajar informa lill-Kumitat li kien se jikkomunika iktar ’il quddiem mal-Onor. Andy Ellul dwar il-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġijiet fir-rigward tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Abbozz Nru 34)

Fuq talba tal-Onor. Robert Cutajar dwar meta l-Kumitat dwar il-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġijiet ser jibda jiddiskuti l-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Abbozz Nru 28), id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne informa lill-Kumitat li kienu għaddejjin diskussjonijiet biex jekk huwa possibbli jintlaħaq qbil dwar l-emenda li possibbilment tista’ finalment tiġi ppreżentata.

Fl-4.00 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li kellha tkun ikkomunikata aktar tard.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**